MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2002

Numru 352/2001

**Il- Pulizija**

(Spettur Paul Camilleri)

**vs**

**Carmel Tabone**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Carmel Tabone ta’ 46 sena bin Pawlu u Pawla nee’ Azzopardi, imwieled il-

Belt – Valletta fis- 6 ta’ April 1955 u joqghod Nru. 127, Triq Sant Ursola il- Belt – Valletta. ID Card No: 275555(M).

Talli fil- 25 ta’ Marzu 2001 ghal- habta ta’ xi l-10.30am. gewwa l- Foss ta San Gakbu, il- Furjana:-

a) Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil- merkanzija ta’ Oliver Apap mill- Mosta, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 50 (Hamsin Lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm 500 (Hames Mitt Lira Maltin) ghad-dannu tal- istess Oliver Apap, u dan bi ksur tal- artikolu 325 (b) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
b) Talli volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan bi ksur tal- artikolu 388 (dd) tal Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
c) Talli qal fil- pubbliku kliem indecenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’ dagha u dan bi ksur tal- artikoli 338 (bb) u 324 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
d) Talli hebb kontra Oliver Apap sabiex jingurjah idejqu jew jghamillu hsara u dan bi ksur tal- artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
e) Talli hebb ghal Oliver Apap u ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa kif iccertifikat Dr. Odette Pace M.D. tac-Centru tas- Sahha tal- Mosta u Dr. Ruth Vella Muscat M. D. tal- Isptar San Luqa u dan bi ksur tal- artikolu 221 (1) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u rega tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammisjoni.

Issibu hati

Rat l- artikoli 325 (b), 338(bb), 221(1) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l- artikolu 9 tal- Kap. 152 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ser tapplika l- ahhar imsemmi atriklu stante li l- partijiet irrangaw bejniethom u l- hati ghamel tajjeb ghad- danni.

Ghalhekk fil- waqt li ssibu hati tar- reati ikontemplati taht l- artikoli imsemmija (ir- reati l- ohra huma assorbiti fihom) tilliberah taht il- provedimenti ta' l- artikolu 9 tal- Kap. 152 tal- Ligijiet ta' Malta b' dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur minn illum. Il- Qorti qed tfisser l- import ta' din is- sentenza lill- hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------